MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2014

Numru. 913/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Elton Taliana]**

**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Andre` Apap**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Andre’ Apap detentur tal-karta tal-identita` numru 22789(G).

Akkuzat talli b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Fl-14 ta’ Mejju, 2012 f’diversi hinijiet f’Birkirkara kellu fil-pusess tieghu kif ukoll ghamel uzu mill-karta tal-identita’ bin-numru 20689G f’isem Anthony Bajada;

2. Talli fit-23 ta’ Mejju, 2012 ghal habta tal-hamsa ta’ filghaxija (17:00hrs) fi Triq Dun Karm, B’Kara approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu rar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha ghad-dannu ta’ Nadine Farrugia ID No 114389M;

3. Talli fit-23 ta’ Mejju, 2012 ghal habta tal-hamsa ta’ filghaxija (17:00hrs) fi Triq Dun Karm, B’Kara, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ Nadine Farrugia ID No. 114389M meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. Talli fit-13 u s-16 ta’ April, 2012 ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar (13:00hrs) fi Triq Dun Karm, B’Kara approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu rar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-dannu ta’ Robert Salamone ID No 9882M;

5. Talli fit-13 u s-16 ta’ April, 2012 ghal habta tal-hamsa ta’ filghaxija (17:00hrs) fi Triq Dun Karm, B’Kara, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi

ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' Robert Salamone ID No 9882M meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikat; u cioe` l-Artikolu 12(1)(2) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 293, 308 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu u stante illi l-imputat Andre` Apap ihallas pjenament lill-parte civile, qed issib lill-imputat Andre` Apap hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------